MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Numru 935/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**Vs**

**Jonathan Taliana**
**Gilmore Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Jonathan Taliana ta’ 19 sena iben Michael u Josephine nee’ Grima, imwieled Pieta fil-9/07/1986 u li joqghod f’l-indirizz: 112, Flat 5, St. Joseph Street, Valletta. Detentur tal-karta’ ta’ l-identita numru 313586M

U Gilmore Cachia ta' 20 sena, iben Martin u Therese nee Carabott, imwieled Pieta fit-03/11/1985 u li joqghod fl-indirizz 238, Casa Martina, William Harding Street, Pembroke, Detentur tal-karta tal-identita numru 38386M.

Billi huma akkuzati talli fit-30 ta' Ottubru 2002 u fiz-zminijiet precedenti, fi Strada Stretta l-Belt u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Iffalsifikaw jew biddlu, minghjar il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura; jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija; jew xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammu ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe 1013 DVDs, 4001 CDs u 1400 Playstation games allegatament foloz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampjaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod iehor irripproducew jew ikkupjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehoer offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. U aktar talli fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom infushom jew ghal persuna ohra; jew bil-hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju applikaw fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal; jew li x'aktarx jithawwad ma trademark registrata, jew bieghu jew krew, offrew jew esponew ghall-bejgh jew kiri jew qassmu oggetti li kellhom fuqhom; jew li l-ippakkattjar taghhom kollhon fuqu sinjal bhal dak; (Dan bi ksur ta' l-Artrikolu 12(1) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok KB5 u nnutat li l-imputati Jonathan Taliana u Gilmore Cachia m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Seduta tallum l-imputati, fil-presenza ta’ l-avukat difensur taghhom, wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u tathom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jeww jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati fil-presenza tal-avukat difensur taghhom regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati Jonathan Taliana u Gilmore Cachia l-artikoli 18, 298(1)(a), (b), (c) u (f) u 298B tal-Kap. 9 u l-artikolu 72(1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Jonathan Taliana u Gilmore Cachia, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-imputati Jonathan Taliana u Gilmore Cachia taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap.466 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imputati Jonathan Taliana u Gilmore Cachia ghall-piena ta erba mija u

hamsa u sittin Euro u seba' u tmenin centezmi ta' Euro (Euro 465.87) multa kull wiehed.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti formalment bhala Dok. AGP1 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) u wara r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza u inoltre tordna lill-Ufficjal Prosekutur sabiex fi zmien ghaxar (10) tijiem millum jghaddi materjalment l-oggetti esebiti formalment bhala Dok. AGP1 lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) ghal fini ta' tali konfiska u distruzzjoni.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Jonathan Taliana u Gilmore Cachia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Trivunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------